MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 501/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Silvio Valletta)**
**Vs**
**Reginald Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. Nhar is-6 ta' April, 2001 ghall-habta ta' 11.30am, gewwa Triq l-Imriehel, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford KA bin-numru tar-registrazzjoni LCC 501, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), ghad-detriment ta' Dejan Vikic;

2. U aktar talli nhar is-6 ta' April, 2001 f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe' vettura tal-ghamla Ford KA bin-numru tar-

registrazzjoni LCC 501, mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kul mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh;

3. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar il-11 ta' April, 1997, 29 ta' Lulju, 1994, u 11 ta' Lulju, 2000 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 06.10.2000 u 11.10.2000, fejn huwa kien misjub hati u kkundannat ghal piena ta' 18-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2), u 14-il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin rispettivament, ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 267, 271, 278, 279, 280 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (bla applikazzjoni ta' l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' 18-il xahar. Qieset ukoll illi r-reat taht l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien wiehed alternattiv.
Rat ukoll l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat is-subinciz 2 ta' l-imsemmi artikoli, qieset illi r-reati ulterjuri kommessi huma ta' natura nvolontarja u lanqas ma jgawdu xi cirkostanzi li jimmeritaw li m'ghandhiex tibda tapplika s-sentenza sospiza. Fil-fatt l-unika cirkostanz li rrizultat hija li Reginald Bugeja ghandu problema ta' abbuz ta' droga, li nonostante li pprova johrog minnha anke xi kultant b'success, din rikbitlu hajtu. Il-fatt ta' addizzjoni ta' droga pero` m'ghandhux jiftiehem li dawn huma xi cirkostanzi li l-Qorti ghandha tippremja u ghalhekk ma tqieghedx in operat is-sentenzi sospizi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta.
Ordnat ghalhekk li l-piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar (vide sentenza a fol. 26) u dik ta' tlettax (13)-il xahar (vide sentenza a fol. 33) jibdew isehhu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet htija fuq l-ewwel tlitt akkuzi u thassaraha u tirrevoka kwantu ghar-raba akkuza billi tilliberah minnha u tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-esponenti qatt ma seta` jigi kkundannat tar-raba (4) akkuza u dana minhabba illi f'kawzi sussegwenti li kellu l-appellanti kif jirrizulta anke mill-fedina penali aggornata tieghu huwa kien gia gie gustizzjat fuq il-ksur tas-sentenzi sospizi li kien inghata datati 6 ta' Ottubru, 2000 u dik tal-11 ta' Ottubru, 2000 u ghalhekk l-Ewwel Qorti b'kull rispett ma setghetx tirrendi operattivi s-sentenzi kwutati. Illi ghalhekk l-esponenti seta biss jigi kkundannat il-piena fuq l-akkuzi li bihom kien akkuzat kwantu ghal l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi u l-piena kellha tkun biss dik inflitta ghar-reat principali;
2. Illi kwantu ghal piena l-esponenti jikkontendi li l-piena ta' tmintax il-xahar hija harxa wisq u dana meta wiehed iqis li l-allegat reat sehh kwazi ghaxar snin ilu u li inoltre llum anke l-Ewwel Qorti stabilixxiet li l-esponenti rriforma ruhu u qieghed fit-triq it-tajba. Illi ghalhekk anke minn dan l-aspett minghajr pregudizzju ghal ewwel aggravju l-piena ta' tmintax il-xahar ghandu jkun hemm otterperament fiha u jkun hemm tnaqqis.

Ikkunsidrat.

L-agravju principali ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundannah ghar-raba' (4) akkuza u dan minhabba f'kawzi sussegwenti rrizulta illi ga gie kkundannat fuq qsur ta' Sentenzi sospizi illi kien inghata fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena 2000 u fil-hdax

(11) ta’ Ottubru tas-sena 2000 u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tirrendi operattivi s-sentenzi fuq imsemmija.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti jidhrilha li hawn l-appellant ghandu ragun, minn ezami tal-fedina penali (fol 193), issib illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ April, 2002 l-appellant gie kkundannat fuq akkuza talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ tliet (3) Sentenzi sospizi nkluzi dawk iz-zewg (2) Sentenzi msemmija f’dan il-gudikat. Dan ifisser ghalhekk illi l-appellant ma jistax jigi kkundannat darbtejn ghall-istess haga u verament l-ewwel Qorti ma setghetx tirrendi operattiv is-Sentenzi fuq imsemmija, ghalhekk jifdal biss l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi illi minnhom l-appellant jidher illi m’ghandux kontestazzjoni. Pero’ l-argumenta li ghal dak li jirrigwardja l-piena, dik ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija ghal reati li saru ghaxar (10) snin ilu kienet daqsxejn eccessiva, aktar u aktar issa li l-appellant qieghed fit-triq ta’ rialibitazzjoni.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi l-Qorti errogat il-minimu possibli mehud inkonsiderazzjoni l-agravji illi gie addebitat bihom l-appellant. Ghal dak li jirrigwardja r-riforma tieghu l-ewwel Qorti hadet dan inkonsiderazzjoni anke wara illi ordnat pre-sentencing report minn nahha tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u addottat il-konkluzjonijiet minn dan ir-rapport. Fis-Sentenza taghha l-Qorti qalet “Illi certament Reginald Bugeja nghata bizzejjed u hafna opportunitajiet sabiex jipprova jbiddel hajtu pero’ certament ma gharafx jisfrutta l-istess. Illi din il-Qorti hija fil-fatt tal-fehma soda illi Reginald Bugeja ghandu jbati piena kalcerarja ta’dan ir-reat.” Min ezami akkurat tal-fedina penali tieghu ssib illi veru l-appellant inghata hafna u hafna opportunitajiet biex jipprova jbiddel hajtu, pero’ d-droga dejjem ghelbitu ghax jidher li ma kienx hemm dik ir-rieda bizzejjed jew ma fittix l-ghajnuna professjonali bizzejjed sabiex jghinuh ivinci din il-problema. Jekk illum qieghed fit-triq it-tajba u forsi qieghed jirrabilita ruhu tant ahjar, pero’ r-reati saru u l-

Qorti ma jidrilhiex illi ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet illi waslet ghalihom l-ewwel Qorti. Il-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma hemm xejn x'jindika illi ghandha tkun anqas milli fil-fatt imponiet.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa nparti l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabet htija fuq l-ewwel tliet (3) akkuzi u l-piena nflitta u thassarha u tirrevokha nkwantu ghar-raba' (4) akkuza, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' din l-akkuza u konsegwament tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------